MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-30 ta' April, 2008

Appell Civili Numru. 32/2007

**Maria Norma Abela**

**vs**

**Pater Holding Company Limited, U.C.I.M. Co. Ltd, u Clentec Cleaning Services Limited**

**Il-Qorti,**

Fl-20 ta’ Settembru, 2007 it-Tribunal Industrijali ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

**“1. Riferenza**
Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industriali permezz ta' nota pprezentata fir-Registru tal-Qorti Superjuri fil-25 ta' Mejju 2006.

**2. Rapprezentanza**

Maria Norma Abela li minn issa 'l quddiem ser tissejjah ir-rikorrenti kienet assistita mill-Avukati Aaron Mifsud Bonnici u Marvic Debarro.

Il-kumpaniji *Pater Holding Company Limited* u *U.C.I.M. Co. Ltd* kienu rrapprezentati minn Vincent Sladden assistit mill-Avukata Sharon Fenech. Il-kumpanija *Clentec Cleaning Services Limited* kienet irrapprezentata mill-Avukat Antoine Naudi. Minn issa 'l quddiem it-tliet kumpaniji ser jissejhu l-kumpaniji intimati, b'distinzjoni bejniethom meta jkun mehtieg.

**3. Fatti tal-kaz fil-qosor**

Nhar it-3 ta' Frar 2004 il-kumpaniji intimati *U.C.I.M. Co. Ltd.* u *Clentec Cleaning Services Limited* dahlu f'kuntratt ghal zmien sentejn sal-11 ta' Frar 2006 ta' tindif fil-lokalitajiet fil-*Waldorf Auto Service Centre* f'San Gwann. Fost affarijiet ohra dan il-kuntratt kien jinkludi l-artiklu 6 li jobbliga lill-partijiet li matul il-validita` tal-kuntratt u ghal sena wara t-tmiem tieghu, ebda parti ma ghandha timpjega maghha impjegati tal-parti l-ohra. Dan il-ftehim kien imgedded ghal sentejn b'effett mit-12 ta' Frar 2006.

Nhar l-10 ta' Jannar 2005 il-kumpaniji intimati *U.C.I.M. Co. Ltd.* u *Clentec Cleaning Services Limited* dahlu f'kuntratt iehor ghal zmien sena sa l-10 ta' Jannar 2006, ta' tindif fil-lokalitajiet tal-kumpanija intimata *U.C.I.M. Co. Ltd.* f'Birkirkara bl-isem ta' *Garage-PDI & Panel Building, Hyundai-PDI & Parts, Fiat Showroom* u *Hyundai Showroom.* Fost affarijiet ohra dan il-kuntratt kien jinkludi zewg artikli 6.1 u 6.2 li jobbligaw Iill-partijiet li matul il-validita' tal-kuntratt u ghal sena wara t-tmiem tieghu, ebda parti ma ghandha timpjega maghha impjegati tal-parti l-ohra. Dan il-kuntratt kien imgedded awtomatikament skond il-provvedimenti ta' l-artiklu 7.

Nhar l-1 ta' Frar 2006 il-kumpaniji intimati *U.C.I.M. Co. Ltd.* - li f'dan iz-zmien ma kinitx ghadha tezisti - u *Clentec Cleaning Services Limited* dahlu f'kuntratt iehor li bis-sahha tieghu nbidlet ir-rata tal-hlas kull siegha ghas-servizz u l-lokalitajiet ghat-tindif. Dawn il-lokalitajiet gew identifikati f' dokumenti annessi mal-kuntratt.

Nhar it-2 ta' Frar 2006, disat ijiem qabel il-bidu tal-kuntratt li kien ser jolqot ix-xoghol tar-rikorrenti, il-kumpanija intimata *Pater Holding Company Limited* gharrfet lir-rikorrenti li l-impjieg taghha kien qieghed jigi terminat minhabba *redundancy.*

**4. Lista tax-xhieda**

4.1 Andrew Mizzi xehed ghar-rikorrenti

4.2 Marcelline Camilleri Bowman, Patrick Cassar u l-Avukata Sharon Fenech xehdu ghall-Pater *Holding Company Limited* u *U.C.I.M. Co. Ltd.*

4.3 Mario Turner xehed ghal *Clentec Cleaning Service Limited*

4.4 Maria Norma Abela, Vincent Sladden u Simon J Turner kienu xhieda komuni

**5. Lista ta' dokumenti**

5.1 Ir-rikorrenti esebiet

5.1.1 l-istqarrija tal-kaz

5.1.2 kopja ta' sentenza tal-Qorti Ewropeja, immarkata Dok. MDB1

5.1.3 ittra datata 24.03.06 minghand Vincent Sladden immarkata Dok. MD-MNA1

5.1.4 kopja ta' decizjoni tal-Qorti tal-Gustizzja Rjali Ingliza (Sede ta' l-Appell) fil-kaz RCO Support Services Limited vs Unison & Ors, immarkata Dok. AMB1, u resume' tal-konferenza annwali tas-sena 2002 ta' I-ILS, immarkata Dok. AMB2

5.2 Il-kumpaniji intimati *Pater Holding Company Limited u U.C.I.M. Co. Ltd.* esebew

5.2.1 l-istqarrija tal-kaz

5.2.2 lista tax-xoghlijiet ta' Alexandra Grech u r-rikorrenti immarkata Dok. MCB1

5.2.3 tliet certifikati ta' registrazzjoni u thassir ta' registrazzjoni tad-diversi kumpaniji, immarkati SF/PC3

5.2.4 ittra datata 27.02.04 ta' *Pater Holding Company Limited* lill-Korporazzjoni ghall-Impjiegi u Tahrig, immarkata Dok. VS4

5.2.5 ittra datata 22.02.06 tal-*General Workers' Union* lil Vincent Sladden, immarkata Dok. SF1

5.2.6 seba' pagni ta' formoli tal-Korporazzjoni ghall-Impjiegi u Tahrig rigwardanti Alexandra Grech, immarkati Dok. SF/PC2

5.2.7 erba' pagni ta' formoli tal-Korporazzjoni ghall-Impjiegi u Tahrig rigwardanti Maria Norma Abela, immarkati Dok. SF/PC1

5.2.8 organigram tal-Kumpanija *Pater Holding Company Limited,* immarkata Dok. PC1

5.2.9 ittra datata 02.02.06 mibghuta lil Maria Norma Abela rigwardanti t-temma ta' l-impjieg taghha fuq bazi ta' *redundancy,* immarkata VS1

5.2.10 kuntratt datat 03.02.04 ghal tindif bejn il-*U.C.I.M. Co. Limited* u *Clentec Cleaning Services Limited,* immarkat Dok. VS2

5.2.11 kuntratt datat 01.02.06 ghal tindif bejn il-*U.C.I.M. Co. Limited* u *Clentec Cleaning Services Limited,* immarkat Dok. VS3

5.2.12 tliet decizjonijiet tat-Tribunal Industrijali Numri 1773, 1575 u 1595, immarkati Dok. SF2, SF3 u SF4 rispettivament

5.2.13 indirizz li nghata waqt konferenza ta' l-2004 ta' l-ILS, immarkat SF5

5.2.14 resume' ta' indirizz li nghata waqt konferenza dwar l-influwenza ta' decizjonijiet tal-Qorti Ewropeja fuq Qrati fil-Germanja, immarkat Dok. SF6

5.2.15 l-*Articles of Association* tal-Kumpanija intimata *Pater Holding Company Limited* flimkien ma' kopja bid-dokumenti annessi maghhom tal-kuntratti li jidhru fl-artikli 5.1.10 u 5.1.11 ta' hawn fuq, immarkati Dok. PCU1

5.3 Il-kumpanija intimata *Clentec Cleaning Services Limited* esebiet l-istqarrija tal-kaz flimkien ma' kopja tal-kuntratt datat 10.01.05 bejn *U.C.I.M. Co. Ltd* u *Clentec Cleaning Services Limited,* immarkat Dok. A

**6. Gabra fil-qosor tax-xhieda**

6.1 Maria Norma Abela, ir-rikorrenti, stqarret li hi bdiet l-impjieg taghha ma' *U.C.I.M. Co. Limited* fuq bazi *part time.* Wara sentejn kienet offruta u accettat kuntratt fuq bazi *whole time* sakemm

intemmilha l-impjieg fiz-zmien meta x-xoghol taghha kien konsistenti fit-tindif tad-Dipartiment ta' l-*Accounts.* Hi ziedet tghid li ma kinitx taf jekk il-kumpaniji intimati kellhomx negozjati bejniethom rigwardanti t-trasferiment tax-xoghol taghha. Maria Norma Abela kkonfermat li nhar it-02.02.06 kienet mgharrfa minn Vincent Sladden li, wara li *Clentec Cleaning Services Limited* inghatalha x-xoghol kollu ta' tindif, l-impjieg taghha kien qieghed jintemm minhabba *redundancy.* Hi temmet tghid li Vincent Sladden kien tana numru ta' telefon u ssuggerielha biex iccempel lil wiehed mid-Diretturi tal-*Cl*entec *Cleaning Services Limited* biex tipprova tikseb impjieg maghha.

6.2 Marcelline Camilleri Bowman, impjegata bhala *Personal Assistant tac-Chairman* tal-kumpanija intimata *Pater Holding Company Limited,* stqarret li hi kienet ilha minn Jannar 2004 tiehu hsieb l-amministrazzjoni ta' Alexandra Green u Maria Norma Abela, amministrazzjoni li kienet tinkludi t-tqassim tax-xoghol ta' tindif. Marcelline Camilleri Bowman esebiet lista tax-xoghol tal-Cleaners f'diversi lokalitajiet u kkonfermat li x-xoghol kollu, minbarra dak fid-dar privata tas-Sinjura Scicluna, seta' jsir kemm minn Alexandra Green kif ukoll mir-rikorrenti. It-tqassim sar kif sar bi ftehim u ghall-konvenjenza ta' kulhadd. Hi kkonfermat li meta ntemm l-impjieg tar-rikorrenti x-xoghol taghha ghadda ghand il-*Clentec Cleaning Services Limited.*

6.3 Patrick Cassar, impjegat bhala *Company Secretary* u *Financial Controller* mal-kumpanija intimata *Pater Holding Company Limited* u wkoll *General Manager* tal-kumpaniji ohra fil-grupp, spjega l-istruttura tal-kumpanija *Pater Holding Company Limited* li minnha johorgu l-kumpaniji l-ohrajn kollha. Patrick Cassar zied jghid li meta sar l-ezercizzju ta' ristrutturar *Pater Holding Company Limited* zammet maghha l-impjegati li l-funzjonijiet taghhom kienu meqjusa komuni ghall-kumpaniji l-

ohrajn kollha. Infatti wara l-istrutturar dawn komplew jaghtu s-servizz taghhom lill-kumpaniji kollha skond il-htiega. Patrick Cassar ta d-dettalji ta' l-istorja ta' l-impjieg kemm ta' Maria Norma Abela kif ukoll ta' Alexandra Grech, u kkonferma li l-unici zewg kumpaniji fil-grupp li jimpjegaw *Cleaners* maghhom kienu *Valley Enterpises Co. Limited* li timpjega lil Alexandra Grech u *Pater Holding Company Limited* li kienet timpjega lir-rikorrenti.

6.4 Sharon Fenech, l-Avukata li kienet qieghda tassisti lil Vincent Sladden, stqarret li hi attendiet ghal-laqgha ta' konciljazzjoni u kkonfermat li l-kwistjoni ta' *redundancy* ma tqajmitx waqt il-laqgha mill-parti l-ohra.

6.5 Andrew Mizzi, Segretarju tat-Taqsima Teknologija, Elettronika u Kommunikazzjoni tal-*General Workers' Union,* stqarr li kien hemm zmien meta saru diskussjonijiet ma' Vincent Sladden dwar ristrutturar tal-kumpanija *U.C.I.M. Co. Limited* li kien jinkludi l-garaxx u l-istores, minn fejn kienu terminati fuq bazi ta' *redundancy* zewg impjegati, izda dawn id-diskussjonijiet dwar ristrutturar ma kinux jinkludu l-attivitajiet ta' tindif ta' l-ufficini. Zied jghid li ghalkemm f'kazi ohra, minghajr eccezzjoni, kien hemm konsultazzjoni, f' dan il-kaz ma kienx konsultat u sar jaf bit-temma ta' l-impjieg tar-rikorrenti minghandha stess wara t-temma ta' l-impjieg. Andrew Mizzi zied jghid li wara skambju ta' kommunika bilaterali u laqgha ta' konciljazzjoni statutorja rigwardanti s-suggett, il-kumpanija intimata *U.C.I.M. Co. Limited* offriet li timpenja ruhha mal-*Clentec Cleaning Services Limited* biex din timpjega lir-rikorrenti. Andrew Mizzi kompla jghid li ghalkemm fil-kaz ta' *redundancies* fl-imghoddi l-kumpanija dejjem harset lejn l-impjegati ta' l-istess klassi fil-grupp, f'dan il-kaz ma sarx hekk. Dan il-kaz ma ssemmiex waqt il-laqgha ta' konciljazzjoni minhabba l-fatt li t-Taqsima tieghu ma kellhiex

taghrif shih dwar id-dati ta' l-impjieg ta' Alexandra Grech. Andrew Mizzi kkonferma li meta tkellem dwar is-suggett ma' wiehed mid-Diretturi tal-kumpanija intimata *Clentec Cleaning Services Limited,* dan ghamilhielha cara li l-kumpanija *Clentec Cleaning Services Limited* ma kellha ebda rabta kuntrattwali mal-*U.C.I.M. Co*. *Limited* biex toffri impjieg lil xi impjegati ta' din ta' l-ahhar. Andrew Mizzi kkonkluda x-xhieda tieghu billi kkonferma li t-Taqsima tieghu ma kinitx mgharrfa bit-tibdil li sar fl-istruttura legali tad-diversi kumpaniji, u sar jaf biss meta tela' jixhed f'xi kaz quddiem it-Tribunal Industrijali diversament presjedut.

6.6 Vincent Sladden, impjegat bhala *General Manager* mal-kumpanija intimata *Pater Holding Company Limited,* stqarr li r-rikorrenti kienet impjegata mal-grupp qabel Alexandra Grech, izda ma setax jghid b'certezza ma' liema kumpanija. Hu kkonferma li meta kienet dikjarata *redundant* l-impjieg taghha kien ma' *Pater Holding Company Limited.* Vincent Sladden stqarr li fuq medda ta' seba' snin, is-suq tal-bejgh ta' karozzi godda naqas bin-nofs, fil-waqt li n-numru ta' kompetituri zdied. Minhabba f'dan kollu l-kumpaniji kellhom jirristrutturaw b'mod li jnaqqsu l-ispazju minn fejn joperaw u l-attivatijiet taghhom, u b'konsegwenza n-numru ta' impjegati diretti u indiretti. Hu zied jghid li l-istrutturar kien jinkludi li x-xoghol ta' tindif jinghata lill-kuntrattur, b'konsegwenza li ghalkemm ix-xoghol tal-*Cleaners* kien ikkunsidrat bhala komuni ghall-grupp kollu, l-impjieg tar-rikorrenti, li kienet l-ahhar impjegata mal-kumpanija intimata *Pater Holding Company Limited,* kellu jintemm ghar-raguni ta' *redundancy.* Dan ghamlu fuq parir legali u bi ftehim mas-Segretarju tat-Taqsima rilevanti tal-*General Workers' Union.* Ghalkemm l-ittra tat-temma ta' l-impjieg saret fuq stazzjonerija tal-kumpanija intimata *U.C.I.M. Co. Limited,* dan kien zball tieghu. Vincent Sladden ikkonferma li fit-trasferiment ta' l-attivitajiet tat-tindif ma kien hemm

ebda trasferiment ta' assi u ma kien hemm ebda negozjati dwar it-trasferiment ta' impjegati, izda meta tkellem mad-Direttur tad-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u Impjiegi ha l-parir tieghu u ndaga ma' Simon Jesmond Turner dwar il-possibilita' li jimpjega lir-rikorrenti, izda ma hassx li seta' jobbligah jaghmel dak li ssuggerielu.

6.7 Mario Turner, Direttur tal-kumpanija intimata *Clentec Cleaning Services Limited,* stqarr li qabel is-seduta hu qatt ma kien ra jew sema' bir-rikorrenti. Hu zied jghid li minhabba li ma kienx id-Direttur Manigerjali kien jaf ftit dwar l-amministrazzjoni ta' kull jum tal-kumpanija, dwar l-impjegati taghha, u dwar in-negozjati tad-diversi kuntratti li kienu jsiru. Dan ghaliex dan ix-xoghol kien jaghmlu huh. Hu zied jghid li kien jaf li l-kumpanija intimata *Clentec Cleaning Services Limited* kienet timpjega madwar 130 persuna li kellhom eta' bejn it-18-il sena - impjegati li skond hu kienu jinbidlu spiss daqs il-friefet - u t-58 sena. Zied jghid li minhabba li xi impjegati tal-kumpaniji intimati *U.C.I.M. Co. Limited u Pater Holding Company Limited* kienu ser jirtiraw bl-eta', ix-xoghol ghall-kumpanija tieghu beda kull ma jmur jizdied. Mario Turner kompla jghid li ma kienx jaf jekk sarux xi negozjati bejn il-kumpaniji intimati rigwardanti t-trasferiment ta' xi impjegati. Simon Turner stqarr li ma jidhirlux li l-Bord tad-Diretturi tal-kumpanija qatt ikkonsidra l-implikazzjonijiet tal-provvedimenti statutorji dwar trasferiment ta' negozju.

6.8 Simon Jesmond Turner, Direttur tal-kumpanija intimata *Clentec Cleaning Services Limited,* stqarr li sa mill-2004 il-kumpanija kienet dahlet f’kuntratt mal-kumpanija intimata *U.C.I.M. Co. Limited* ghal xoghol ta' tindif fil-kumpless il-gdid ta' San Gwann, u wara xi zmien fil-kumpless ta' Birkirkara, izda dan ix-xoghol ma kienx jinkludi x-xoghol ta' tindif tad-Dipartiment ta' l-*Accounts,* fejn kienet tahdem ir-rikorrenti hlief meta xi impjegati kienu jkunu

nieqsa ghal kwalsijasi raguni. Simon Jesmond Turner temm jghid li meta kien ikkuntattjat minn Andrew Mizzi, li kien is-Segretarju tat-Taqsima rilevanti tal-*General Workers' Union,* biex jikkonsidra jimpjega lir-rikorrenti wara li spiccat *redundant,* hu wiegbu li jekk tapplika kien lest jikkonsidra joffrilha impjieg.

**7. Gabra fil-qosor tat-trattazzjonijiet**

7.1 Fit-trattazzjoni tal-kaz, l-Avukata Sharon Fenech f'isem il-kumpaniji intimati *U.C.I.M. Co. Limited* u *Pater Holding Company Limited siqa*rret li

- ir-rikorrenti kienet l-unika u ghaldaqstant l-ahhar persuna impjegata mal-kumpanija intimata *Pater Holding Company Limited*
- fl-ezercizzju tar-regola ta' min beda fl-impjieg l-ahhar ghandu jintemmlu l-impjieg l-ewwel, il-kumpanija intimata *Pater Holding Company Limited* ikkunsidrat min beda fl-impjieg l-ahhar maghha u mhux fil-grupp ta' kumpaniji, u dan kif hi obbligata taghmel skond il-ligi
- il-kumpanija intimata *Pater Holding Company Limited,* bhal kull kumpanija ohra, ghandha personalita' guridika distinta. Biex issahhah din it-tezi l-Avukata Sharon Fenech ikkwotat diversi decizjonijiet tat-Tribunal Industriali u wkoll kitba ta' diversi awturi barranin
- kien hemm distinzjoni qawwija bejn ix-xoghol li kienet taghmel ir-rikorrenti u l-kondizzjonijiet ta' l-impjieg taghha meta mqabbla ma' dawk ta' Alexandra Grech
- it-temma ta' l-impjieg saret bi ftehim *mal-General Workers' Union*
- il-kumpanija intimata *U.C.I.M. Co. Limited* kienet dahlet f' kuntratt ma' terzi ghal tindif zmien sew qabel ma kienet kostretta li ttemm l-impjieg tar-rikorrenti. Kien biss wara li

saret estensjoni tal-kuntratt li waslet biex ittemm l-impjieg tar-rikorrenti

- il-provvedimenti ta' l-artiklu 38 tal-Kapitlu 452 tal-Ligijiet ta' Malta ma japplikawx ghall-kaz odjern. Biex issahhah dan l-argument l-Avukata Sharon Fenech esebiet u rreferiet lit-Tribunal Industrijali ghal decizjonijiet rilevanti u ricenti tal-Qorti Ewropeja
- fil-kaz li t-Tribunal Industrijali jiddeciedi kuntrarju ghandu jiddeciedi li l-kumpanija intimata *Clentec Cleaning Services Limited* kellha r-responsabbilta' li timpjega lir-rikorrenti. Biex issahhah dan l-argument l-Avukata Sharon Fenech esebiet u rreferiet lit-Tribunal Industrijali ghal decizjonijiet ohra tal-Qorti Ewropeja
- minn dak kollu li nghad jirrizulta li t-temma ta' l-impjieg tar-rikorrenti saret ghar-raguni ta' *redundancy* u li jekk it-Tribunal Industrijali jsib li l-provvedimenti ta' l-artiklu 38 tal-Kapitlu 452 tal-Ligijiet ta' Malta japplikaw, il-kumpaniji intimati *U.C.I.M. Company Limited* u *Pater Holding Company Limited* ghandhom ikunu liberati mill-osservanza tal-gudizzju, stante li huma mhumiex il-legittimi kontradittturi f' dan il-kaz.

7.2 Fit-trattazzjoni tal-kaz, l-Avukat Antoine Naudi f'isem il-kumpanija intimata *Clentec Cleaning Services Limited* stqarr li

- il-kumpanija intimata riedet issostni t-tieni eccezzjoni li ghamlet fl-istqarrija tal-kaz rigwardanti n-nuqqas ta' relazzjoni guridika
- il-kumpaniji intimati *U.C.I.M. Co. Limited* u *Pater Holding Company Limited* ma kinux trasparenti f'dak li ghamlu biex dawn inghaqdu, tant li fost affarijiet ohra, il-kuntratt li segwa l-ghaqda rega' sar mal-*U.CiI.M. Co. Limited*
- il-kronologija tal-kuntratti ghal tindif, li saru bejnha u l-kumpanja intimata *U.C.I.M.*

*Co. Limited,* turi li l-kumpanija intimata *Clentec Cleaning Services Limited* kienet ilha taghmel xoghol ta' tindif f' diversi postijiet kontrollati mill-kumpanija intimata *U.C.I.M. Co. Limited* sa mill-2004, u li qabel ma ntemm l-impjieg tar-rikorrenti dawn ma kinux jinkludu l-ufficini ta' l-*Accounts* fejn kienet tahdem hi

- meta l-kumpanija intimata *Clentec Cleaning Services Limited* bdiet taghmel ix-xoghol ta' tindif, ma kien hemm ebda lment minghand ir-rikorrenti li l-*Clentec Cleaning Services Limited* kienet qieghda tippregudika l-impjieg taghha. Kien biss meta sar l-ahhar kuntratt li din ghamlet il-kaz taghha
- ix-xebh tal-kaz odjern ma' dak ta' Schmidt deciz mill-Qorti Ewropeja hu limitat hafna, u fl-2001 kien hemm tibdil fid-direttiva ta' l-Unjoni Ewropeja li minnu ghandha tirrizulta interpretazzjoni differenti tal-provvedimenti rilevanti tad-Direttiva

7.3 Fit-trattazzjoni tal-kaz, l-Avukati Aaron Mifsud Bonnici u Marvic Debarro f'isem il-*General Workers' Union* stqarru li

- il-provvedimenti ta' l-artiklu 38 tal-Kapitlu 452 tal-ligijiet ta' Malta, kif ukoll dawk ta' l-Avviz Legali Numru 433 ta' l-2003, li jsibu l-origini taghhom f' Direttiva Ewropeja, ghandhom jiggwidaw lit-Tribunal Industrijali fil-konsiderazzjoni tieghu tal-kaz odjern
- il-provvedimenti tad-Direttiva Ewropeja 77/187/EEC kif amendata bid-direttiva 2001/23/EC huma mill-aktar rilevanti ghall-kaz odjern
- il-kazistika ta' l-Unjoni Ewropeja tat diversi interpretazzjonijiet u fasslet testijiet biex stabbiliet kriterji biex jigu applikati f' kull stat membru
- il-kaz ta' Christel Schmidt vs Spar hu identiku ghall-kaz odjern. F'dan il-kaz l-argumenti li l-attivita' ta' tindif kienet wahda

ancillari u li kienet issir minn persuna wahda ma kinux milqugha mill-Qorti.

• dawn iz-zewg argumenti, u l-fatt li l-kumpanija intimata *Clentec Cleaning Services Limited* kienet ilha zmien sew qabel ma saret it-temma ta' l-impjieg tar-rikorrenti taghmel xoghol ta' tindif fl-istess kumpanija tqajmu biss biex jahbu li kien hemm trasferiment ta' negozju, u ghandhom jigu skartati

• l-obbligi spettanti bil-ligi tat-trasferiment ta' negozju ma gewx rispettati mill-kumpanija intimata *Clentec Cleaning Services Limited* u ghaldaqstant din kisret id-dispozizzjonijiet ta' l-artiklu 38 tal-Kapitlu 452 tal-ligijiet ta' Malta

• ir-rikorrenti bdiet l-impjieg taghha sew qabel impjegata ohra li nzammet fl-impjieg wara t-temma ta' l-impjieg taghha u ghaldaqstant ma kinitx l-ahhar wahda fil-grupp ta' kumpaniji

• minkejja li f'kazi ohra precedenti ta' *redundancy* l-kumpaniji intimati *U.C.I.M. Co. Limited* u *Pater Holding Company Limited* ikkunsidraw l-impjegati fl-istess klassi fil-grupp, u minkejja li l-*Management* ta' l-istess kumpanija kien jikkunsidra l-attivita' tat-tindif bhala komuni ghall-kumpaniji fil-grupp, meta ddecieda dwar it-temma ta' l-impjieg tar-rikorrenti, illimita l-kunsiderazzjoni ghal kumpanija wahda

• ghaldaqstant bit-temma ta' l-impjieg tar-rikorrenti, il-kumpanija intimata *Pater Holding Conpany Limited* kisret ir-regola stabbilita ta' *last in first out.* Biex issahhah dan l-argument il-*General Workers' Union* irreferiet lit-Tribunal Industrijali ghal diversi decizjonijiet tat-Tribunal Industrijali

• dak li ntqal mir-rapprezentanti tal-kumpaniji intimati *U.C.I.M. Company Limited u Pater Holding Company Limited,* li t-temma ta' l-impjieg tar-rikorrenti saret bi ftehim ma' Andrew Mizzi, Segretarju tat-Taqsima tal-*General Workers' Union,* mhux kredibbli

- minn dak kollu li nghad jirrizulta li ma tezistix raguni tajba u bizzejjed ghat-temma ta' l-impjieg, u ghaldaqstant ir-rikorrenti ghandha tiddahhal fl-impjieg jew mal-kumpanija intimata *Clentec Cleaning Company Limited* jew mal-kumpanija intimata *Pater Holding Company Limited.*

## 7. Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal Industrijali

Il-kaz migjub quddiem it-Tribunal Industrijali mir-rikorrenti jinkludi zewg pretenzjonijiet segwiti b'talbiet li jirrizultaw mill-istess pretenzjonijiet.

L-ewwel pretenzjoni hi li t-temma ta' l-impjieg tar-rikorrenti mill-kumpanija intimata *Pater Holding Company Limited* saret bi ksur tal-provvedimenti ta' l-artiklu 36(4) tal-Kapitlu 452 tal-Ligijiet ta' Malta. It-talba tar-rikorrenti f'dan ir-rigward kienet li jekk it-Tribunal Industrijali jiddeciedi li l-artiklu 38 tal-Kapitlu 452 tal-Ligijiet ta' Malta ma japplikax ghall-kaz taghha, jordna li hi tkompli minghajr waqfien fl-impjieg taghha mal-kumpanija intimata *Pater Holding Company Limited.*

It-tieni pretenzjoni hi, li wara li l-Kumpaniji intimati *U.C.I.M. Company Limited* u *Pater Holding Company Limited* ghaddew ix-xoghol ta' tindif kollu li kien ghadu jsir minn din ta' l-ahhar, lill-kumpanija intimata *Clentec Cleaning Services Limited* permezz ta' kuntratt datat nhar l-1 ta' Frar 2006, effettiv nhar it-12 ta' Frar 2006, l-impjieg tar-rikorrenti minn mal-kumpanija intimata *Pater Holding Company Limited* kien terminat nhar it-2 ta' Frar 2006 bi ksur tal-provvedimenti ta' l-artiklu 38 tal-Kapitlu 452 tal-Ligijiet ta' Malta. It-talba tar-rikorrenti f'dan ir-rigward kienet biex jekk it-Tribunal Industrijali jiddikjara li l-provvedimenti ta' l-artiklu 38 tal-Kapitlu 452 tal-Ligijiet ta' Malta japplika ghall-kaz taghha, ghandu jordna lill-kumpanija intimata *Clentec Cleaning Services*

*Limited* biex timpjegaha maghha minghajr telf ta' servizz.

It-Tribunal Industrijali ser jikkonsidra dawn iz-zewg pretenzjonijiet fl-ordni li ssemmew hawn fuq.

7.1 Fatti li jimmeritaw il-kunsiderazzjoni tat-Tribunal Industrijali rigwardanti t-thaddim ta' l-artiklu 38 tal-Kapitlu 452 tal-Ligijiet ta' Malta

- Jirrizulta mix-xhieda ta' Mario Turner li l-kumpanija intimata *Clentec Cleaning Services Limited* f'ebda stadju tal-kisba tal-kuntratt ta' tindif mal-kumpaniji intimata *U.C.I.M. Company Limited* li sar nhar l-1 ta' Frar 2006, ma kkunsidrat l-obbligi taghha rigwardanti l-artiklu 38 tal-Kapitlu 452 tal-Ligijiet ta' Malta. Mix-xhieda ta' Simon Jesmond Turner jirrizulta li meta kien mistoqsi minn Andrew Mizzi biex jiehu lir-rikorrenti fl-impjieg mieghu, hu wiegeb li kien lest jikkonsidra t-talba jekk hi tapplika.
- Jirrizulta wkoll mix-xhieda ta' Vincent Sladden li fil-konsiderazzjonijiet kollha li hu ghamel rigwardanti l-ghoti tax-xoghol ta' tindif lill-kumpanija intimata *Clentec Cleaning Services Limited* qatt ma ta konsiderazzjoni lill-provvedimenti ta' l-artiklu 38 tal-Kapitlu 452 tal-Ligijiet ta' Malta. L-unika haga li ghamel kienet talba tardiva wara laqgha ta' konciljazzjoni statutorja lid-Diretturi tal-kumpanija intimata *Clentec Cleaning Services Limited.*
- Sa qabel it-12 ta' Frar 2006, ir-rikorrenti flimkien ma' Alexandra Grech kienu jaghmlu t-tindif kollu tal-kumpaniji intimati *U.C.I.M. Company Limited* u *Pater Holding Company Limited* li sa dak iz-zmien ma kienx isir mill-kumpanija intimata *Clentec Cleaning Services Limited.* Skond, ix-xhieda ta' Marcelline Camilleri Bowman u Vincent Sladden u kif jirrizulta mill-kuntratt datat nhar l-1 ta' Frar 2006, wara t-12 ta' Frar 2006 ix-xoghol kollu li

kien isir mir-rikorrenti u Alexandra Grech beda jsir fl-intier tieghu mill-kumpanija intimata *Clentec Cleaning Services Limited.*

• Ghalkemm hu minnu li meta fit-12 ta' Frar 2006 il-kumpanija intimata *Clentec Cleaning Services Limited* inghatat ix-xoghol kollu ta' tindif li kienet taghmel ir-rikorrenti u l-parti l-kbira tax-xoghol li kienet taghmel Alexandra Grech, din la xtrat assi u lanqas impjegat lir-rikorrenti u/jew lit Alexandra Grech.

• Il-kumpanija intimata *Pater Holding Company Limited* kienet wahda b'organizzazzjoni estensiva li tiggestixxi attivitajiet varji fuq perjodu ta' zmien twil, u l-attivatijiet ta' tindif kienu organizzati mill-Assistenta Personali tac-Chairman tal-kumpanija.

• Wara l-kuntratt ta' l-1 ta' Frar 2006 l-attivitajiet ta' tindif intern li kien fadal ghaddew kollha lill-kumpanija intimata *Clentec Cleaining Services Limited.*

• il-mod ta' kif kien isir ix-xoghol ta' tindif ma kienx jirrikjedi uzu ta' assi, u ghaldaqstant ma kienx hemm assi x'jigu trasferiti meta x-xoghol beda jsir mill-kumpanija intimata *Clentec Cleaning Services Limited.*

• Ghalkemm l-attivitajiet ta' tindif kienu anciliarji ghall-attivitajiet ewlenin tal-kumpanija, kienu jikkoncernaw numru zghir ta' impjegati, tnejn b'kollox, ma kienx hemm trasferiment ta' assi, u ma kienx hemm impjieg ta' haddiema tal-kumpaniji intimati, *Pater Holding Company Limited* u *Valley Enterprises Company Limited,* ix-xoghol ta' tindif li kienu jaghmlu r-rikorrenti u Alexandra Green amministrati minn Marcelline Camilleri Bowman jaqa' taht it-tifsira tal-ligi ta' entita' ekonomika

• Matul is-seduta li saret nhar is-26 ta' Lulju 2007 il-partijiet kollha qablu li ghalkemm wahda mill-partijiet fil-kuntratt ghal tindif datat

l-1 ta' Frar 2006 ma kinitx ghadha tezisti, il-kuntratt ghandu jitqies validu ghaliex fl-ewwel kaz il-kumpanija intimata *Pater Holding Company Limited* assumiet l-obbligi kollha tal-kumpanija intimata *U.C.I.M. Holding Co. Limited* u fit-tieni kaz il-kuntratt kien esegwit fil-prattika.

7.2 Fatti li jimmeritaw il-kunsiderazzjoni tat-Tribunal Industrijali rigwardanti t-thaddim ta' l-artiklu 34(4) tal-Kapitlu 452 tal-Ligijiet ta' Malta

- Jirrizulta mix-xhieda ta' Patrick Cassar, kif ukoll mid-dokumenti esebiti tal-kumpaniji intimati *U.C.I.M. Company Limited* u *Pater Holding Company Limited,* li nhar il-jum tat-temma ta' l-impjieg tar-rikorrenti hi kienet impjegata mal-kumpanija *Pater Holding Company Limited* fil-waqt li Alexandra Grech kienet impjegata mal-kumpanija *Valley Enterprises Company Limited.* Ghalkemm jirrizulta mix-xhieda ta' Patrick Cassar kif ukoll ta' Victor Sladden li amministrattivament il-kumpaniji intimati *U.C.I.M. Company Limited* u *Pater Holding Company Limited* kienu jikkonsidraw l-attivitajiet tat-tindif bhala attivita' komuni ghall-kumpaniji kollha fil-grupp, b'dan kollu xorta wahda nzammet distinzjoni bejn min ihaddem lir-rikorrenti u min ihaddem lil Alexandra Grech. Ghalkemm jirrizulta mix-xhieda ta' Andrew Mizzi li fl-imghoddi kien hemm okkazjonijiet meta fit-thaddim tal-provvediment statutorju li f'kaz ta' *redundancy* "min dahal fl-impjieg l-ahhar jintemmlu l-impjieg l-ewwel" il-kumpaniji intimati *U.C.I.M. Company Limited* u *Pater Holding Company Limited* bi ftehim mal-*General Workers' Union* ikkonsidraw l-impjegati ta' l-istess klassi fil-grupp kollu, dan il-ftehim qatt ma kien kontestat.
- Jirrizulta mil-ligi tal-kumpaniji, kif spjegat fl-akbar dettal mill-konsulent legali tal-

kumpaniji intimati *U.C.I.M. Company Limited* u *Pater Holding Company Limited,* li kull kumpanija ghandha personalita' guridika distinta

**Decizjoni**

7.3 It-Tribunal Industrijali, wara li sema' x-xhieda tal-partijiet, qara s-sottomissjonijiet u evalwa x-xhieda u d-dokumenti kollha, jiddeciedi li

- l-ghoti tax-xoghol ta' tindif mill-kumpaniji intimati *U.C.I.M. Company Limited* u *Pater Holding Company Limited* lill-kumpanija intimata *Clentec Cleaning Services Limited* kien jammonta ghal trasferiment ta' negozju skond il-provvedimenti ta' l-artiklu 38 tal-Kapitlu 452 tal-ligijiet ta' Malta.
- l-applikazzjoni ta' l-artiklu 34(4) tal-Kapitlu 452 tal-ligijiet ta' Malta mill-kumpanija intimata *Pater Holding Company Limited* fil-konfront tar-rikorrenti kienet skond il-ligi
- il-kumpanija *Clentec Cleaning Company Limited* ghandha timpjega lir-rikorrenti maghha bil-kundizzjonijiet li kienet tgawdi mal-*Pater Holding Company Limited* b'effett mit-12 ta' Frar 2006 minghajr telf ta' servizz. Izda l-hlas tal-paga ghandu jibda jsehh mid-data minn meta ntemm iz-zmien tal-hlas li ghamlet il-kumpanija intimata *Pater Holding Company Limited* rigwardanti l-avviz statutorju tat-temma ta' l-impjieg moghti mill-istess kumpanija.
- Minhabba li r-rikorrenti ma attendietx ghax-xoghol matul dan iz-zmien kollu u li ghalih ser tithallas il-paga, m'ghandhiex dritt taghmel talba biex tiehu jew tithallas tal-leave ghaz-zmien kollu bejn it-2 ta' Frar 2006 u d-data ta' din id-decizjoni.

Ghall-fini ta' taxxa u drittijiet it-Tribunal Industrijali jiffissa s-somma ta' Erbghin Liri Maltin (Lm40).**”**

Il-kumpanija Clentec Cleaning Services Limited introduciet appell minn din is-sentenza bl-aggravju illi t-Tribunal Industrijali ghamel apprezzament hazin tal-ligi meta ddecieda illi l-ghoti lilha tax-xoghol ta' tindif minn Pater Holding Co. Ltd kien jammonta ghal trasferiment ta' negozju fit-termini ta' l-Artikolu 38 tal-Kapitolu 452 u tar-Regolament 3 (1) ta' l-Avviz Legali 433 ta' l-2002. Is-socjeta` appellanti tikkontendi dan in bazi ghad-decizjonijiet tal-Qorti Ewropeja minnha citati u dak ta' l-argoment illi fil-kaz partikulari kienu jonqsu certi fatturi ghal kostituzzjoni ta' "trasferiment ta' azjenda jew ta' negozju";

Fil-qosor, ghal dak li jikkoncerna l-punti centrali tal-vertenza, jirrizulta bhal stat ta' fatt illi l-appellata kienet impjegata tas-socjeta` U.C.I.M. Co. Ltd fuq bazi *whole time*. B' kuntratt datat 1 ta' Frar, 2006 (ara kopja a fol. 354) din is-socjeta` ttrasferiet lill-kumpanija appellanti s-servizzi ta' tindif f' Waldorf Auto Service Centre f' San Gwann. B' rizultat ta' dan it-trasferiment l-appellata giet fit-2 ta' Frar, 2006 dikjarata *redundant* u mitmum il-kuntratt ta' impjieg taghha. Kif sottomess mis-socjeta` appellanti, il-pern tal-kwestjoni jaggira fuq il-punt jekk b' dak il-kuntratt kienx hemm ukoll it-trasferiment tan-negozju;

Hu dispost fl-Artikolu 38 (1) ta' l-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali illi "meta negozju jew azjenda ohra jittiehed il-kontroll taghhom, ghal kollox jew f' parti, minn persuna (hawnhekk izjed 'il quddiem f' dan l-artikolu msejha 'il-persuna li lilha jigi trasferit in-negozju') minghand principal (hawnhekk izjed 'il quddiem f' dan l-artikolu msejjah 'min jitrasferixxi'), kull impjegat fl-impjieg ta' min jitrasferixxi fid-data tat-trasferiment tan-negozju ghandu jitqies li jkun fl-impjieg tal-persuna li lilha jigi trasferit in-negozju u l-persuna li lilha jigi trasferit in-negozju ghandha tassumi d-drittijiet u l-obbligi kollha li min jitrasferixxi ghandu rigward l-impjegat";

Jinghad, imbaghad, fir-Regolament 3 (1) (a) ta' l-Avviz Legali 433 ta' l-2002 illi l-precitat artikolu ta' l-Att principali jghodd "ghal kull trasferiment ta' azjenda, negozju, jew parti minn azjenda jew negozju lil principal iehor b' rizultat ta' trasferiment jew fuzjoni legali". Jissokta jinghad fil-proviso ta' dan l-istess Regolament 3 (1) (a), "izda jkun hemm trasferiment skond dan ir-regolament kull meta jkun hemm trasferiment ta' enti ekonomika li tibqa' zzomm l-identita` taghha, bl-objettiv li ssegwi attivita ekonomika";

Mill-interpretazzjoni taghha ta' dawn id-disposizzjonijiet tal-ligi, il-Qorti taghmel dawn il-konsiderazzjonijiet:-

(1) L-ewwelnett, il-presuppost ghall-iskattar ta' l-Artikolu 38 tal-Kapitolu 452 ghaf-favur ta' l-impjegat hu dak li hu jkun assunt mill-kumpanija cedenti f' mument anterjuri ghat-trasferiment, b' mod li, allura, bhal successur fit-titolarita ta' l-azjenda jew tan-negozju, ic-cessjonarju jsir il-principal gdid tieghu. Ifisser, ukoll, illi fis-successjoni ta' dan ir-rapport tax-xoghol c-cessjonarju subentranti jidhol fil-posizzjoni guridika shiha, attiva u passiva, *vis-à-vis* l-impjegat;

(2) In-negozju, ikkonsidrat fl-individwalita` awtonoma tieghu, jitlob il-konkors ta' zewg objettivi principali. Il-wiehed, oggettiv, rapprezentat mill-kontinwita` tan-negozju jew attivita bhala entita ekonomiku. L-iehor, soggettiv, konsistenti fis-sostituzzjoni ta' l-imprenditur li kien imexxi dak in-negozju jew attivita`;

(3) It-"trasferiment" a sensu tar-regolament imsemmi jirrikorri f' dik l-ipotesi fejn l-attivita objettiva tan-negozju tibqa' immutata, b' dan li ghandek it-tibdil tat-titolari. Jimplika wkoll, b' konsegwenza, illi dak in-negozju ser jissokta jigi prosegwit mit-titolari l-gdid;

Fermi dawn il-konsiderazzjonijiet li johorgu mir-*ratio* tad-dixxiplina normattiva fl-artikolu ta' l-Att u tar-Regolament korrispondenti, mahsuba biex jiggarantixxu l-kontinwita u r-regolamentazzjoni tar-rapport tax-xoghol, hu kompitu tal-

gudikant li jaccerta x' kien, skond il-volonta tal-kontraenti, l-oggett specifiku tal-kuntratt. Dan dejjem ghal fini li jkun verifikat u stabbilit jekk in-negozju jew attivita` ceduta giex ikkunsidrat fl-awtonomija individwali tieghu;

Huwa fatt illi fl-organizzazzjoni azjendali tas-socjeta` Pater Holding Company Limited din kellha inkorporata fiha setturi jew attivitajiet diversi. Dan kif sewwa kkonstatat ukoll mit-Tribunal fil-parti razzjonali tas-sentenza tieghu. Issa r-Regolament 3 (1) (a) jipprovdi wkoll ghall-qaghda fejn ikollok trasferiment ta' parti minn azjenda, intiza din, naturalment, bhala xi haga funzjonalment awtonoma ta' attivita` ekonomika organizzata, hekk pre-ezistenti ghal tali trasferiment u mahsuba li, bit-trasferiment, tikkonserva dik l-identita` proprja taghha. Sitwazzjoni din li, mill-interpetazzjoni li taghtiha din il-Qorti, kif ukoll il-Qorti Ewropeja, tekwivali ghal dik il-qaghda fejn dik l-attivita` singola fl-azjenda tikkostitwixxi minnha nnifisha impriza idoneja shiha. Dan, s' intendi, attiz dejjem illi, kif donnu hu l-kaz anke hawnhekk, is-socjeta` msemmija hi suddivizibbli f' attivitajiet komplessi li kull wahda minnhom ghandha dik l-awtonomija taghha fil-qafas ta' l-istruttura unitarja b' mod li tintegra l-estremi ta' azjenda. Meta hekk inhu l-kaz l-effetti ta' l-Artikolu 38 ta' l-Att jibqghu cirkoskritti ghal dawk l-impjegati li jkunu hekk addetti mat-tip ta' attivita` cedut; f' dan il-kaz, l-appellata;

Kif taraha din il-Qorti, mhux bilfors essenzjali ghal konfigurabilita` tal-fattispeci tat-trasferiment skond l-Artikolu 38 dak li tghid is-socjeta` appellanti illi ghas-sussistenza taghha ried ikollok anke t-trapass ta' l-assi, kapitali jew m'humiex. In-nuqqas ta' dan il-fattur ma jidherx li jikkostitwixxi cirkostanza ostatativa ghall-applikabilita` ta' dik id-disposizzjoni tal-ligi. Jibqa' dejjem valevoli u ta' somma importanza l-konsiderazzjoni li l-kontraenti qiesu lil dik l-attivita` aljenata fl-awtonomija individwali taghha, u li dik l-istess attivita` kienet ser titkompla mis-socjeta` cessjonarja. Dan, anke, minghajr dawk l-assi;

Ma jidherx, fil-hsieb tal-Qorti, illi r-riflessjonijiet hawn fuq maghmula jitbeghdu mill-espressjoni ta’ fehma tal-Qorti Ewropeja fuq din il-materja meta din tigi inkwadrata fil-fattispeci partikolari tal-kaz konkret. Is-sentenza appellata qeghda, konsegwentement, titqies wahda korretta tal-valutazzjoni, sew ta’ fatt kif ukoll ta’ dritt, maghmula mit-Tribunal u l-Qorti ma ssibx gustifikazzjoni biex twarrabha.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad dan l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez kontra s-socjeta` appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------